**20 ta' April, 1963.**

**Imhallef:**

***Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.***

Avukat Dottor Anton Buttigieg

*versus*

Giuseppe Pace

**Kwerela — "Animus injuriandi u "animus jocandi".**

*Iċ-ċirkostanzi tal-"animus jocandi" ma jistgħux jiġu aġevolment fissati aprioristikament, però dan l-"animus" jiġi aktar faċilment akkolt meta jkun bejn ħbieb u fi trattament konfidenzjali.*

Il-Qorti, rat il-kwerela fl-ismijiet fuq imsemmija talli, il-Ħamrun u bnadijiet oħra f'dawn il-Gżejjer, l-istess kwerelat inġurja gravement lill-kwerelant permezz ta' artikolu "Inkomplu nidħku ftit", pubblikat fin-numru tal-erbgħa (4) ta' Jannar 1963 tal-gazzetta "Il-Poplu", li tagħha l-kwerelat hu l-editur:

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, li ġiet mogħtija fit-tlettax (13) ta' Frar 1963 u li biha l-kwerelat ġie misjub ħati, u ġie kkundannat għall-piena tal-multa ta' ħames (5) liri, u għall-ispejjeż tal-kawża, u ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' sunt komprensiv tas-sentenza, kif hemm indikat;

Rat ir-rikors, li bih il-kwerelat appella, u talab li dik is-sentenza tiġi revokata, u li hu jiġi liberat bl-ispejjeż;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Fid-dibattitu ssemmew żewġ motivi — wieħed, illi ma nġiebux provi mill-parti tal-kwerelant biex jiġi assodat kif ħaddieħor fehem l-epigrammi inkriminati, — u t-tieni, li l-animus injuriandi hu eskluż bl-animus jocandi.

Kwantu għall-ewwel wieħed, dan ma kienx każ li jitlob xi prova tal-identifikazzjoni tal-inġurjat għaliex, fil-parti introduttiva, il-kwerelant hu imsemmi nominatim b'ismu u kunjomu, u għalhekk ir-riferenzi l-oħra jqegħdu lill-qarrej fil-pożizzjoni li jista', bla ebda diffikoltà, jallaċċhom mal-persuna

*nominata*. Lanqas hu l-każ ta' intelliġenza ta' xi **innuendo** *rekonditu*, għaliex ir-*riferenzi* huma *ċari*, u huma preċiżament dawk indikati mill-ewwel Qorti.

Kwantu għat-**tieni** motiv, kif osserva l-Carrara, Progr. Vol. III, § 1757, iċ-ċirkostanzi tal-**animus jocandi** ma jistgħux jiġu aġevolment fissati aprioristikament, — *dak l-awtur*, però, isemmi bħala gwida li dan l-**animus** (animo di celiare) jiġi aktar faċilment akkolt meta jkun bejn ħbieb u fi trattament konfidenzjali. Issa, li r-riferenzi u l-allusjonijiet, kontenuti fl-epigrammi inkriminati, kif indikati fis-sentenza appellata, isiru f'ġurnal bil-pubbliċità relativa, bejn persuni li ma ġietx pruvata bejniethom xi ħbiberija speċjali, u f'termini punġenti bla ma wieħed jista' jsib fihom ebda element rassikuranti ta' *umoriżmu* jew ta' spirtu ta' żufjett, u mhux f'kontest jew *f'okkażjoni ta' ċajt, u lanqas* f'ambjent jew sfond li kien jilleġittima skatti ta' umoriżmu, anki jekk talvolta vivaċi, — dan kollu jeskludi l-**animus** skaġonanti oppost mid-difiża. Lanqas hi induttiva ta' dan l-animus innokwu l-kelma "moqżież", li żgur ħadd ma joħlom jgħidha b'ċajt bħala kelma **per se** offensiva bla ma tippresta ruħha għal ebda aspett *umoristiku* jew **skerzus**.

Ċertament, il-ġamma tal-umoriżmu hi ferm estiża, kif turi l-istorja letterarja minn Aristofane, Teocritus sa Rabelais u l-iskritturi moderni, u, minbarra hekk, l-umoriżmu hu multiformi, u jista' jikkomprendi anki dak li l-ingliżi jsejħu "wit" — deskritt mill-poeta Pope fiċ-ċelebri versi —

"Wit is *nature to* best *advantage dressed*,
What oft was said but ne'er so well expressed"

Iżda l-Qorti ma tistax issib fl-iskritt inkriminat f'dan il-proċess xi traċċa ta' umoriżmu f'sens wieħed jew ieħor, u jgħoddu l-insenjamenti kontenuti fit-test "Commentaries on

the Criminal Law" tal-awtur BISHOP, Vol. II, para. 915 —

> "In like manner, the form of the libel is immaterial, — for if the language is ironical, or be otherwise so framed as not to convey directly the idea meant, yet, **if it is adapted to accomplish the evil purpose,** it is sufficient".

Hu oltremodo ċar f'dan il-każ li l-iskrittur isserva b'dik il-forma biex, taħt il-parvenzi ta' "ludendo castigat mores", jipprova jevadi l-liġi, iżda kif osserva l-Imħallef Ingliż Hawkins —

> "for it brings the utmost contempt upon the law to suffer its injustice to be eluded by such trifling evasions"

(1 Hawk. P.C. Curw. Ed. p. 543 para 5).

Għalhekk l-**animus jocandi** ma jistax jiġi ammess.

Per tutt'altro, ma hemmx bżonn li jiżdied xejn aktar ma' dak li assennatament irrilevat l-ewwel Qorti.

Għalhekk tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, u tikkonferma anki l-ordni tal-pubblikazzjoni riparativa, kif mogħti, dekorribili mill-lum.

Omissis.